tagħna wkoll meta saħansitra xi membri kellhom imħabba f'hekk jissigrifikaw ħinhom.

Haġ'oħra li tkompli tqawwilna qalbna hi t-talba ta' xi kittieba żgħażagħ li ġa bdew jagħmlu isem fil-qasam letterarju Malti biex jidħlu magħna u jkollhom il-ġieħ jissieħbu magħna fil-ħidma favur ilsienna. Imħabba xi proposti li tressqu quddiem il-kommissjoni li kellha f'idejha r-reviżjoni ta' l-istatut, it-talba ta' xi wħud minn dawn għadha ma ġietx milqugħa, iżda nittamaw li l-Kunsill il-ġdid ikun jista' jieħu ħsiebha bla telf ta' żmien. Dan jgħodd ukoll għall-kustjoni ta' l-affiljazzjoni.

Il-mewt tas-Sur Ugo Muscat Azzopardi kienet għall-Għaqda daqqa ta' ħarta li l-effetti tagħha sejrin jibqgħu jinħassu għal xi żmien. Fl-aħħar rapport amministrativ semmejt kif bl-għajnuna tas-Sur Ugo Muscat Azzopardi l-Għaqda waqqfet Darha; il-mewt tiegħu setgħet ċaħħditna minnha li ma kienx għall-qalb tajba ta' għadd mill-Membri Akkademiċi li refgħu l-piż tal-kera; b'dan il-mod biss bqajna ngawdu l-istess vantaġġi.

Għalkemm ix-xewqa tal-Kunsill kienet li għeluq il-mitt sena tat-twelid ta' l-ewwel President tal-Għaqda, il-mibki iżda qatt minsi Kav. Ġużè Muscat Azzopardi, jkun imfakkar b'mod tassew xieraq u, biex ingħid hekk permanenti, il-pjan li kien ġà thejja baqa' fil-ħsieb tagħna imħabba għadd ta' raġunijiet, imma l-aktar imħabba nuqqas ta' flus. Iżda dil-ġrajja ma setgħetx titħalla tintesa u kif tafu intom ġiet imfakkra f'IL-MALTI, l-organu uffiċjali tagħna, kif ukoll mill-President f'diskors kommemorativ minn fuq ir-Rediffusion.

Qabel ma nagħlaq dan ir-rapport ma nixtieqx nonqos minn dmiri li nirringrazzja lil dawk fost sħabi — l-aktar il-Membri tal-Kunsill — li billi l-ħidmiet tal-Għaqda qed kull ma jmorru dejjem jiżdiedu, b'xi mod jew ieħor ħaffewli mill-piż u hekk kinuli ta' għajnuna kbira.

---

## IT-TABIB Ġ. GALEA M.B.E., M.D., D.P.H., MAĦTUR PROFESSUR

**Nifirħu lit-Tabib Ġ. Galea, President tal-''Għaqda tal-Kittieba tal-Malti'' u Direttur ta' ''Il-Malti'', li ġie mogħti t-titlu personali ta' Professur tal-Mediċina Legali fl-Università Rjali ta' Malta flok ta' Lettur ta' l-istess materja wara rikkmandazzjoni tas-Senat imwettqa mill-Kunsill ta' l-Università, għall-merti tiegħu eċċezzjonali fl-istess karika universitarja.**



## MITULI ĦUTI

*Ta'* J. M. MANARA

*Lill-għeżież ħuti Daddu u Carlo*
*li dejjem u f'kollox għallmuni.*

Mar kulħadd miċ-ċimiteru,
l-oqbra reġgħu minsijin;
nwar midbiela tilfu l-fwieħa,
żejt u xama' mitfijin.
Waħdi, nhewden, sabar xejn,
ngħajjat: ''Ħuti, għax mittu t-tnejn?''

Siġar twal li ddellu l-oqbra
b'silta u sura ta' kampnar,
tħaddru s-sena kemm hi twila
twennsu l-mejta lejl u nhar!
Igħidu li intom tagħtu s-sabar,
x'tafu sew fuq 'l hinn mill-qabar?

Ir-riħ qam minn ġoċ-ċipressi
u kull fergħa bdiet tirtogħod,
xebh ta' leħen li kont nafu
smajt iwieġeb mhux fil-bogħod:
''Sabar lilkom, ja ħajjin'',
igħidu għal dejjem il-mejtin.

F'dalma mraxxa bi trab fiddi
illi jerħi dawl nemniemi
rajt lil ħuti jitbissmuli
ferħanin fil-gawdju diemi.
Twieldu b'mewthom, għalli ġej,
naf li jgħixu fil-Mulej!

---

## KOTBA BIL-MALTI

Il-Wisq Rev.du Duttur Martiniano Roncaglia, O.F.M., Direttur tas-''Centre D'Etudes Orientales'' li jinsab fil-Muski, il-Kajr, Eġittu, wera l-hena, l-għoġba u l-ħajr tiegħu meta wasslulu xi kotba bil-MALTI għall-BIBLJOTEKA taħt it-tmexxija tiegħu.

Huwa interessat l-iżjed f'dawk il-kotba li bħala egħmejjel jew ilsien għandhom x'jaqsmu ma' l-Orjent, imma jieħu wkoll pjaċir b'kull ktieb miktub bil-Malti tajjeb.

Għalhekk min jista' jiddisponi minn xi ktieb huwa mitlub li jibagħtu lis-Sur Ivo Muscat-Azzopardi P.L., 47, Triq id-Dejqa, Valletta, biex jiġi mibgħut lil Dottor Roncaglia.